Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2023/2446

31.10.2023

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/2446

## tat-23 ta' Ottubru 2023

## li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati mar-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh għal Ftehim ta' Sħubija u ta' Kooperazzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 209, flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

In-negozjati għandhom jinfetħu bil-ħsieb li jiġi konkluż Ftehim ta' Sħubija u ta' Kooperazzjoni mar-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("ir-Rappreżentant Għoli") huma b'dan awtorizzati biex jiftħu negozjati għal Ftehim ta' Sħubija u ta' Kooperazzjoni mar-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh ("il-Ftehim").

2. In-negozjati għandhom jitwettqu abbażi tad-direttivi ta' negozjar tal-Kunsill stabbiliti fl-addendum ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-Kummissjoni hija b'dan nominata bħala l-kap tat-tim tan-negozjar tal-Unjoni.

*Artikolu 3*

In-negozjati għandhom isiru f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma tal-Asja-Oċeanja.

Il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali għandu jiġi kkonsultat b'mod regolari dwar il-partijiet tal-Ftehim relatati mal-kummerċ.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-23 ta' Ottubru 2023.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. BORRELL FONTELLES